~~**TAMA . . .**~~

~~Sa hawnhekk il-ġrajja tal-qdusija Franġiskana fuq is-Sijon. Għad forsi jasal jum meta ċ-Ċenaklu jkollu, għal darb'oħra, il-Franġiskani bħala har-riesa tiegħu. L-Għolja tas-Sijon tat lill-Ordni tagħna erwieħ kbar, u meta, f'dak il-jum imbierek tas-26 ta' Marzu 1936, il-Patrijiet tagħna reġgħu telgħu fuq is-Sijon, minn fommhom ħarġet talba: "Mulej, agħtina taħt il-ħarsien tagħna ċ-Ċenaklu. Agħmilna qaddisin bħal dawk li għexu qabilna fuq din il-għolja mbierka."~~

~~U qalbhom imtliet bit-tama...~~

~~P. Marjanu Vella, O.F.M.~~
~~*Surmast tan-Novizzi.*~~

---

# MINN HAWN U MINN HEMM

## AĦBARIJIET TA' MALTA U TA' BARRA

### "LEĦEN L-ART IMQADDSA"

Mal-bidu ta' dis-sena 1955, kif ta-raw, ħarġet, ma' ħafna oħrajn, ukoll din ir-Rivista tagħna, "Leħen l-Art Imqaddsa". In-nies kienu ilhom ħaf-na jitolbuna biex noħorġuha, għax il-Maltin iħobbu għall-aħħar jaqraw fuq l-Art li fiha tkomplew il-Misteri Mqad-dsa tar-Reliġjon Nisranija. Issa aħna ikkontentajnihom, imma għandhom jiftakru li biex toħroġ Rivista serja mhux biss trid ħafna nfiq ta' flus, im-ma wkoll xogħol ta' kitba u, aqwa minn kollox, ħafna taħbil ir-ras, billi aħna rridu nagħtu lin-nies qari mill-aħjar li jista' jkun. M'għandu jkun hemm ħadd mela minn dawk li huma miktuba fl-Opra tal-Qabar ta' Kristu li ma jisseħibx f'din ir-Rivista għax per mezz tagħha tkunu tafu x'inhu jsir fl-Art Imqaddsa u m'niex huma għad-dejja r-Rhieb tal-Qabar ta' Kristu, u x-xogħol li qegħdin jagħmlu fil-Missjo-nijiet tagħhom. Wara li taqrawha, erfgħuha, u meta jkollkom għadd sew-wa, illegawhom flimkien, biex jibqgħu jiswewlkom bħala qari ta' fejda, u wliedkom jiksbu minnha ħafna tagħ-lim meħtieġ. Min irid jissieħeb fiha, għandu jikteb jew ikellem lill-Wisq Rev. Patri Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, Il-Belt.

### TIFKIRA TAS-SENA TAL-MADONNA

Bħala tifkira ta' Egħluq il-Mitt Sena tad-Domma tat-Tnissil bla Tebgħa tal-Madonna, il-Patrijiet tal-Qabar ta' Kristu ħarġu xbihat sbieħ, jew santi tal-Ven. John Duns Scotus, li kien Raħeb Franġiskan u li kien hu l-aktar li tħabat biex il-Papa fl-aħħar xandar dan id-Domma. Għalhekk min irid minn dawn is-santi, ikellem lil Patri Nikol Magro, Kummissarju tat-Terra Santa, fl-indirizz fuq imsemmi.

### PELLEGRINAĠĠI
### GĦALL-QABAR TA' KRISTU

Ma' tul is-sena li għaddiet marru għadd ġmielu ta' Pellegrinaġġi għal Ġerusalemm minn artijiet barranin. L-aktar ta' min isemmihom kienu: Pellegrinaġġ tal-Lawreati ta' l-Azzjoni Kattolika, li kienu xi mitejn ruħ, nisa u rġiel. Żewġ Pellegrinaġġi oħra Fran-ġiskani. Pellegrinaġġ ieħor magħmul mill-grupp "Richelieu", li kien ma' dwar 350 ruħ. Ieħor magħmul minn xi 120 qassis, ieħor tal-Pawlini, u

ieħor tad-Delegazzjoni tat-Terra Santa ta' Ruma. Pellegrinaġġi oħra waslu mill-Awstrja, mill-Belġju, mill-Ingilterra, mill-Libanon u mill-Irlanda. Ħafna ġemgħat ta' nies marru jżuru l-Art Imqaddsa weħedhom. Nittamaw li aħna wkoll hawn Malta ma ndumux ma ngħaqqdu Pellegrinaġġ, għax fejn konna dejjem minn ta' quddiem, ma jaqbelx li issa naqgħu lura. Meta jasal il-waqt ta' dan, ingħarrfukom.

### IL-KNISJA
### TAL-QABAR TA' KRISTU

Din il-knisja, l-aktar waħda għażiża fost il-knejjes tad-dinja, wara t-teħżiża li kienet għamlet il-Palestina f'Lulju tas-sena 1927 u bl-isparar tal-kanuni ta' l-aħħar gwerra bejn l-Għarab u l-Lhud, tinsab ruħha fi snienha. Is-saqaf u l-ħitan tagħha, qodma u mmermrin, ħassew u issa qiegħda mirfuda bit-travi ta' l-injam u tal-ħadid, għax li ma kienx hekk kieku ilha li waqgħet borġ ġebel. Issa ma jistax ikun li tibqa' hekk, għalhekk teħtieġ li tissewwa tiswija kbira, la ma jistax ikun (għax ħaġa kbira li jaslu fi ftehim dawk li jagħmlu minnha) li tinbena mill-ġdid. Għalhekk dan l-aħħar inħatret Kummissjoni ta' periti biex jagħtu rajjhom fuq dak li għandu jsir. Din il-Kummissjoni wara ħafna laqgħat tat ir-rapport tagħha. Billi l-Knisja tal-Qabar ta' Kristu jagħmlu minnha tliet Riti, Latini, Grieki u Armeni, il-Kummissjoni qatgħet li kull Rit isewwi l-biċċa tal-Knisja li tmiss lilu. Lill-Patrijiet ta' Ġieżu tal-Qabar ta' Kristu (il-Latini) ftit għoġbithom din id-deċiżjoni. Fil-fehma tagħhom aktar kien jaqbel li ssir tiswija sħiħa mill-ewwel, inkella ħafna biċċiet, kulħadd għalih. Imma b'dana kollu l-Patrijiet Franġiskani diġà għażlu Perit biex iwettaq ix-xogħol li jmiss lilhom. Dan huwa l-Patri Dumnikan P. Couasman, O.P., li qiegħed Ġerusalemm u li hu Arkitett Diplomat ta' l-Iskola tas-Snajja ta' Pariġi.

### IL-KEWKBA TA' BETLEHEM

Ġewwa l-Għar Imqaddes ta' Betlehem hemm, fuq il-post fejn twieled il-Bambin, Kewkba tal-Fidda b'kitba bil-Latin li tgħid hekk: *Hic De Virgine Maria Jesus Christus Natus Est*. Din hija ħwejjeġ il-Patrijiet Franġiskani, imma għandhom il-jedd inaddfuha x-Xiżmatki. Billi miktuba bil-Latin kemm il-darba l-Griegi riedu jaqalgħuha minn hemm, għax qiegħda taħt l-artal fejn iqaddsu huma.

Dan l-aħħar billi l-imsiemer li din il-kewkba msammra bihom ittieklu, il-Franġiskani talbu lill-Ħakem ta' Ġerusalemm biex iwaħħlu msiemer ġodda. Ix-Xiżmatki semgħu u marru huma wkoll għand il-Ħakem u qalulu li dik il-kewkba kienet tagħhom daqs kemm hija tal-Patrijiet. Imma l-Patrijiet ġiebu kemm dokumenti kellhom fuq Betlem, maħruġin mis-Slaten tat-Torok minn Kostantinopli, fejn fihom jidher ċar il-jedd li għandhom il-Franġiskani fuq il-Għar Imqaddes u l-Kewkba tal-Fidda li semmejna. Meta ra dan il-Ħakem qata' li l-Patrijiet Franġiskani għandhom il-jedd kollu li jbiddlu l-imsiemer u li ħadd mix-Xiżmatki ma kellu għax jindaħlilhom.

### HAWN MALTA

Ma' tul is-sena li għaddiet, bil-għajnuna t'Alla dorna l-Parroċċi kollha fejn għamilna l-Ġabra għall-Qabar ta' Kristu. Kull fejn morna konna milqugħin tajjeb u hemm sinjali li qiegħda tqum mill-ġdid dik il-ħeġġa li minn dejjem kellhom missirijietna u ommijietna għall-qima tal-Qabar ta' Kristu. Nizżu ħajr bil-qalb kollha lil dawk li

minn qalbhom waqfu magħna u għenuna fil-ġbir li għamilna. Niżżu ħajr fuq kollox lill-Kappillani li mhux tal-li laqgħuna tajjeb, talli għamlu kull ma setgħu jagħmlu biex il-Jum tal-Qabar ta' Kristu jirnexxi kemm jista' jkun fil-Parroċċa tagħhom. Fl-Isem tal-Missjoni tat-Terra Santa u l-Isem ta' ħutna l-Patrijiet Missjunarji li qegħdin jaħdmu fiha, niżżuhom ħajr u nixtiequlhom Sena Ġdida ta' Ferħ u Hena.

### IL-KNISJA TA' NAZARET

Ix-xogħol biex tinbena knisja ġdida, kbira u sabiħa bħala Rigal lill-Madonna b'tifkira ta' għeluq il-Mitt sena mid-Domma tat-Tnissil Safi tagħha, issa nbeda! S'issa qegħdin jinħattu l-griebeġ ta' ma' dwar il-knisja l-qadima (knisja ta' l-isem, għax inbniet mill-Patrijiet żmien seba' xhur, għax daqshekk żmien kienu tawhom it-Torok) u hemm tama li f'qasir żmien tibda tiela' l-knisja l-ġdida. Flus għad ma hemmx, imma aħna nafu li l-Madonna taħseb Hi għall-bini tal-knisja tagħha, billi tqanqal il-qlub tad-Devoti tagħha mad-dinja kollha Nisranija, u m'għandniex xi ngħidu, f'Malta wkoll.

## DAWWIET TAN-NIES FL-ART IMQADDSA

### ID-DOMNA TAX-XEBBIET

Sa ftit żmien ilu, ix-xebbiet Għarab kien ikollhom imdendla f'għonqhom bħal domna tad-deheb, li fuqha jkun hemm miktuba dawn il-kelmiet: *Ħamama, Bulbol, Neser, Laqlaq, Qambra, Kuka.* Li jfissru: ħamiema, bilbla, ajkla, għarnuq, alwetta, kokka. Ħażin kien għala dik ix-xebba li toħroġ barra mingħajr ma tilbes din id-domna, għax jitkażża biha kulħadd.

Issa dawk l-ismijiet ma jkunux hemm għal xejn, għax kull isem kien ifisser xi ħaġa, jiġifieri xi drawwa tajba li għandha jkollha x-xebba. Il-ħamiema: li għandha tkun bla ħjiena u nadifa; bilbla: tħobb dejjem il-kwiet. Ajkla: li tkun qawwija u għaqlija; għarnuq: tagħraf il-ġid li jagħmlulha; Kokka: tafda f'ħadd; u alwetta: aħseb dejjem f'Alla.

U, ngħiduha bejnietna, wieħed jaħseb li kieku hawn Malta maż-żina li jiżżejnu x-xebbiet tagħna, jilbsu xi domna li tfakkarhom f'dawn id-drawwiet tajba, jista' jkun li jkunu xi ftit aħjar milli huma l-lum.

### IĊ-ĊURKETT FIT-TIĠIJIET

Sama' xi ħadd lil xi nies tar-rħula li flok *ċurkett* jgħidu *ħatem*? Din hi kelma tajba wisq, għax *ħatem* għandu jissemma. Għax l-ewwel ċrieket li saru fid-dinja kienu ħwietem, jiġifieri *siġilli*, li kienu jinqdew bihom bħalma l-lum jinqdew bil-firma ta' dak li jkun. Għax fl-antik wieħed fil-kemm fost innies kienu jafu jiktbu.

Fost l-Assiri u l-Babiloniżi u l-Lhud il-ħatem, jew ċurkett kien jingħata mir-raġel lill-mara waqt iż-żwieġ. U dan kien biex il-mara, meta ma jkunx hemm żewġha, tista' tixtri u tbiegħ u twettaq il-kitba, billi minn flok ma tikteb isimha, tistampa, jew titba', ix-xbieha li jkun hemm imnaqqxa fuq il-fossa taċ-ċurkett.

Il-ħatem fiż-żwieġ ta' l-Insara daħħlu l-Papa Nikola I fis-seklu IX, u amar li l-ħatem għandu jitbierek u jinżamm bħala egħliem tal-għaqda bejn il-miżżewġin.

# ĊIFRI LI JITKELLMU WEĦIDHOM

## IL-ĦIDMA TAL-KUSTODJA FRANĠISKANA TAT-TERRA SANTA

### ĦIDMA RELIĠJUŻA

21 Santwarji
45 Kappelli
39 Parroċċa b'85,000 fidili
11 Knejjes Sukkursali
31 Kappellaniji
64 Kunventi
402 Missjunarji
2 Kulleġġi Serafiki
70 Kummissarjati mxerrdin mad-dinja kollha
1 Delegazzjoni tat-Terra Santa f'Ruma.

### ĦIDMA SOĊJALI

30 Skola għall-bniet u għas-subien, b'aktar minn 6,000 tfal
6 Kulleġġi b'1,800 edukandi
3 Orfanatrofji
8 Officini tas-snajja
2 Tipografiji
1 Fotozingografija
1 Kalvonoplastika.

## ĦIDMA TA' GĦAJNUNA

**Lill-Imgħakksin:**

Il-Kustodja tat-Terra Santa għandha DJAR, li hi tikri mingħajr ebda ħlas lill-Insara fqar. Meta l-għadd ta' familji nsara jgħaddi l-għadd tad-djar il-Kustodja tgħinhom bil-flus biex jidħlu taħt saqaf ieħor.

**Ħobż ta' Sant'Antnin:**

F'Kunvent wieħed biss ta' Ġerusalemm, li hu dak ta' San Salvatur, jiġu mqassma iktar minn 2,000 ħobża kull jum u fuq 850 minestra lill-fqar, ikunu x'ikunu.

**Għajnuniet oħra:**

Fuq 800 xjuħ, irġiel u nisa, hemm miġburin fl-ażili tal-Kustodja; 1,300 razzjon ħalib jingħataw kull jum littfal; kotba, pitazzi u ħtiġijiet ta' l-iskola jiġu mogħtija b'xejn lil 3,200 tfal foqra; u għadd kbir ta' morda jiġu mdewwijin u kkurati fl-isptarijiet u spiżeriji tat-Terra Santa.

**Lir-Rifuġjati tal-Gwerra tal-Palestina:**

65 dar tal-Kustodja qegħdin jilqgħu lir-rifuġjati u għadd ta' 1,400 refuġjati oħra qegħdin f'kera ieħor li tħallsu t-Terra Santa; mijiet ta' familji u eluf ta' rifuġjati għandhom il-ħteġijiet tagħhom kollha mill-Kustodja tat-Terra Santa.

**Lill-Pellegrini:**

Barra minn dan li għedna, il-Kustodja tat-Terra Santa torganizza Pellegrinaġġi għall-Art Imqaddsa mid-dinja kollha, tgħin lill-pellegrini fiż-żjajjar tas-Santwarji u lilhom tilqa' u tpaxxi fit-8 Djar (Casenove) tagħha.

---

Cum permissu Superiorum et auctoritatis Ecclesiasticae.




Tipografia dei PP. Francescani - GERUSALEMME